C/2025/6230

17.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(KażM.12166 — MSC / NYK / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6230)

1. Fis-6 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AGL Kenya Limited ("AGL Kenya", il-Kenja), ikkontrollata minn MSC Mediterranean Shipping Company Holding SA ("MSC Group", l-Iżvizzera),

— Yusen Logistics Global Management Co., Ltd. ("Yusen", il-Ġappun), ikkontrollata minn Nippon Yusen Kabushiki Kaisha ("NYK Group", il-Ġappun),

— Impriża konġunta maħluqa ġdida ("JV", il-Kenja).

AGL Kenya u Yusen se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— AGL Kenja tipprovdi servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija u servizzi loġistiċi oħrajn fil-Kenja. MSC Group jopera madwar id-dinja fit-trasport bil-baħar ta' merkanzija fil-kontejners, fl-immaniġġjar tal-portijiet, fis-servizzi loġistiċi, fis-setturi tal-kruċieri u tal-laneċ,

— Yusen tipprovdi servizzi loġistiċi integrati mfassla għal diversi industriji, inklużi l-ispedizzjoni tal-merkanzija bil-baħar u bl-ajru, il-loġistika tal-kuntratti, it-trasport ikkontrollat bit-temperatura, u l-ġestjoni tal-katina tal-provvista. Hija topera f' 46 pajjiż madwar id-dinja. NYK Group huwa fornitur tal-loġistika globali li jispeċjalizza, fost affarijiet oħra, fit-trasport marittimu internazzjonali, fil-kruċieri, fit-terminals u f'servizzi oħra relatati mal-bastimenti.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' JVse jkunu dawn: il-forniment ta' servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija bl-ajru u bil-baħar f'diversi pajjiżi madwar il-kontinent Afrikan.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12166 — MSC / NYK / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea/European Commission
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni/Directorate-General for Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË